MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 19/2007/1

**Paul Tonna**

**vs**

**Maria Speranza Buttigieg; u b'digriet tas-27 ta' Frar, 2008 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Joseph Cutajar**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Dicembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab il-hlas mill-konvenuti jew min minnhom ta' sitt mija, disgha u disghin ewro u sitta u hamsin centezmi (€ 699.56) gja` Lm 300.32 rapprezentanti spejjez ta` funeral tal-mejjet Carmelo Borg, ta' liema Maria

Speranza Buttigieg hija eredi u liema funeral sar taht struzzjonijiet taghha.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 28 ta' Awissu, 2006 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn issollevat illi l-konvenuta m'hijiex il-legittima kuntradittrici ghax ma ordnatx is-servizzi funebri '*de quo agitur'.* Illi ghandu jigi kjamat in kawza certu Joseph Cutajar. Illi t-talbiet attrici in kwantu dedotti fil-konfront tal-konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Ra illi permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Marzu, 2007 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Joseph Cutajar. Ra illi b'digriet tat-13 ta' Lulju, 2007, id-digriet tas-27 ta' Marzu, 2007 gie revokat u ra wkoll illi b'digriet sussegwenti tas-27 ta' Frar, 2008 it-Tribunal rega' ordna l-kjamat in kawza ta' Joseph Cutajar.

Ra illi l-kjamat in kawza fir-risposta tieghu ssolleva illi '*in linea'* preliminari l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta` l-artiklu 2148 (f) u 2149 (a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ukoll *'in linea'* preliminari ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-eccipjent, hekk kif jirrizulta ukoll mix-xhieda ta` l-istess attur. Illi fi kwalunkwe' kaz it-talba attrici ghandha tigi respinta bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti.

Sema` x-xhieda ta' Paul Tonna, Maria Speranza Buttigieg u Joseph Cutajar.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet konvenuti.

IKKUNSIDRA

Illi preliminarjament giet issollevata mill-kjamat in kawza eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ai termini ta` l-artiklu 2148 (f) u 2149 (a ) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront ta` l-istess kjamat in kawza Joseph Cutajar.

Illi fil-mertu din il-kawza titratta dwar hlas ta` spejjez ta’ funeral tal-mejjet Carmelo Borg li miet fis-17 ta’ Jannar, 2006. Jirrizulta mill-provi illi l-konvenuta Maria Speranza Buttigieg kienet tiehu hsieb id-defunt Carmelo Borg u li kienet tghix mad-defunt Carmelo Borg. Illi l-konvenuta kienet tiehu hsieb lil Carmelo Borg tul il-mard tieghu izda ma kienetx tamministra l-beni tieghu. Illi jirrizulta ukoll illi l-kjamat in kawza kien l-amministratur tal-beni tad-defunt Carmelo Borg tul l-ahhar sena ta’ hajjet il-mejjet Carmelo Borgu ‘*di fatti’* kellu prokura generali moghtija lilu minn Carmelo Borg fl-2005. Jirrizulta mix-xhieda lit-Tribunal illi l-konvenuta kienet l-allegata eredi universali tal-mejjet Carmelo Borg izda prova dokumentali dwar dan ma giex ezebit fl-atti.

L-attur xehed illi huwa kien avvicinat mill-kjamat in kawza fejn infurmah bil-mewt ta’ Carmelo Borg u li riedet tkellmu l-konvenuta. L-Attur kien habib intimu tal-mejjet, kif ukoll kien jaf sewwa kemm lill-konvenuta kif ukoll lill-kjamat in kawza. Illi meta mar ghandu l-kjamat in kawza huma kienu marru d-dar fejn kien jinsab il-mejjet u cioe’ fl-istess dar fejn kienet tghix il-konvenuta. Il-Konvenuta kienet talbitu sabiex jaghmlilha l-arrangamenti ghal funeral. Wara l-funeral ipprezentalha l-kont u bdiet tghajjat mieghu li hi ma kellha taghti xejn. Illi jirrizulta illi peress l-attur kien jaf il-mejjet sew, il-konvenuta ma kienetx iffirmat l-ebda karta ghal funeral. In kontro-ezami l-attur kien qal illi Joseph Cutajar kien mar ghandu peress illi Maria Speranza Buttigieg kienet riedet tkellmu. Qal ukoll illi waqt id-diskussjonijiet kien prezenti l-kjamat in

kawza Joseph Cutajar. Qal ukoll illi Cutajar ma kienx tkellem sakemm kien qed isir il-ftehim ghall-arrangament tal-funeral.

Il-konvenuta qalet illi ma kienetx ordnat lill-attur sabiex jorganizza l-funeral. Qalet illi l-funeral kien ordnah il-kjamat in kawza. Il-kjamat in kawza ordna wkoll it-tip ta' tebut kif ukoll il-fjuri. Il-konvenuta qalet illi hija kienet il-werrieta tal-mejjet Carmelo Borg. Ziedet li tul l-ahhar sena ta' hajjet Carmelo Borg, huwa kien ta prokura generali lill-kjamat in kawza. Illi mal-mewt ta' Carmelo Borg hija ma sabet xejn fil-kontijiet tal-bank li kienu f'isem Carmelo Borg. Saret taf ukoll illi d-dar ta' Carmelo Borg, l-istess dar fejn kienet toqghod il-konvenuta kienet giet trasferita lill-kjamat in kawza u li issa hemm kawza sabiex tigi zgumbrata minn din id-dar. Il-konvenuta sostniet illi l-ftehim ghal funeral kien sar mal-kjamat in kawza u hija ma kellha mohh xejn meta miet Carmelo Borg.

It-Tribunal jirrilleva illi l-kjamat in kawza kien xehed illi huwa kien mar ghand l-attur sabiex jghidlu li kien miet Carmelo Borg u li l-konvenuta riedet tkellmu dwar il-funeral. Illi rigward il-prokura generali l-kjamat in kawza xehed illi mal-gurnata tal-mewt id-defunt ma kellux iktar flus fil-kont tieghu. Qal ukoll illi d-dar ta' abitazzjoni tal-mejjet Carmelo Borg kien bieghha lilu ghal prezz ta' Lm 9,000 izda dawn il-flus qatt ma dahlu fil-kont tal-bank tal-mejjet Carmelo Borg.

Mill-provi dokumentali tal-bank jirrizulta illi l-mejjet Carmelo Borg ma kellux flus fil-kontijiet tal-bank fil-gurnata tal-mewt tieghu. Jirrizulta illi wara li l-kjamat in kawza nghata prokura generali f'April, 2005 il-flus li kien hemm fil-bank gew prelevati. Jirrizulta ukoll illi l-hlas ta' Lm9,000 ghax-xiri tad-dar ma kienux dahlu fil-bank. Illi bhala amministratur tal-beni ta' Carmelo Borg, it-Tribunal ihoss illi huwa ma tax rendikont sewwa ta'

kif gew gestiti l-flus tal-mejjet Carmelo Borg kif huwa obligat jaghmel u ma ta ebda spjegazzjoni fattibli ta' fejn effettivament kienu marru l-flus hlief li qal illi d-defunt Carmelo Borg kien hareg il-flus mill-bank sabiex imur f'*'home'* ghall-anzjani. Izda dan qatt ma rrizulta peress illi Carmelo Borg baqa' jghix id-dar mal-konvenuta.

Illi f'din il-kawza jirrizultaw verzjonijiet konfliggenti u sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta u ekwa ghall-vertenza ta' din il-kawza, t-Tribunal ha jevalwa u jgharbel id-deposizzjonijiet mehuda '*viva voce'* tax-xhieda kollha, kif ukoll ha jgharbel id-dokumenti ezebiti fl-atti.

Illi minn analizi tal-fatti kif migjuba quddiem it-Tribunal, t-Tribunal jirrilleva illi ghandu dubji serji dwar il-kredibbilita' tal-kjamat in kawza kif ukoll dwar il-verzjoni ta` l-attur izda t-Tribunal ihoss illi l-konvenuta xehdet il-fatti kif svolgew quddiema bil-mod limitat li bih hija kapaci tispjega ruhha liema xhieda hija l-iktar verosimili.

Illi huwa car illi l-attur huwa kreditur ghas-servizzi funebri fis-somma ta' € 699.52 ghas-saldu ta' spejjez inkorsi minnu u hlas dovut lill-attur sabiex jorganizza l-funeral ta' Carmelo Borg. Illi dan jirrizulta ukoll minn '*invoice'* bid-data tardiva tas-27 ta' Marzu, 2007 ipprezentata minnu.

Illi mill-provi migbura, t-Tribunal jinnota illi ghalkemm l-attur qal illi l-konvenuta Buttigieg giet interpellata thallas, it-Tribunal jirrilleva illi l-'*invoice'* li giet ipprezentata minnu hija datata 27 ta' Marzu, 2007. Normalment kont jinhareg mall-ewwel u skond id-dokumenti ezebiti it-Tribunal jirrilleva lli l-'*invoice'* inharget xahrejn u nofs wara li nfethet il-kawza.

Illi l-attur qal illi l-inkarigu gie moghti lilu mill-konvenuta Buttigieg izda kien Joseph Cutajar li mar jinfurmah bil-mewt ta' siehbu Carmelo Borg.

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa konvint illi '*dato e concesso'* l-intimita' ta' hbiberija bejn il-mejjet u l-attur u '*dato e concesso'* l-fatt illi l-attur kien jaf kemm lill-kjamat in kawza u lill-konvenuta, ma kienx hemm bniedem iktar adatt mill-attur sabiex jorganizza l-funeral ta' siehbu l-mejjet Carmelo Borg u t-Tribunal huwa konvint illi huwa kien ha l-inizjattiva flimkien mal-kjamat in kawza sabiex jorganizzaw il-funeral.

Illi t-Tribunal jirrilleva lli l-konvenuta qalet illi ma` l-mewt ta' Carmelo Borg hija kienet baghtet ghall-kjamat in kawza sabiex jghinha peress illi hija ma kienetx taf x'ser taghmel bil-mejjet fid-dar fejn kienet tabita.

Illi t-Tribunal jirrilleva wkoll illi mill-provi rrizulta illi l-kjamat in kawza kellu prokura generali moghtija lilu minn Carmelo Borg. Illi ma` l-mewt ta' Carmelo Borg din il-prokura lil Joseph Cutajar spiccat. It-Tribunal huwa tal-fehma illi tul is-sena li kellu l-prokura generali Joseph Cutajar ma tax rendikont fattibli u veritjier ta' fejn marru l-flus depositati l-bank u l-anqas fejn marru Lm 9,000 tal-bejgh tad-dar tal-mejjet Carmelo Borg lill-kjamat in kawza Joseph Cutajar. Illi bhala prokuratur huwa ghandu d-dmir u l-obbligu lli jaghti rendikont ta' l-amministrazjoni tal-beni. Haga li jirrizulta illi l-kjamat inkawza ma kienx ghamel. Illi fl-ahhar irrizulta illi sal-gurnata tal-mewt ta' Carmelo Borg, huwa ma kellu xejn fil-kontijiet tal-bank. Ili bhala amministratur tal-beni tul hajjet Carmelo Borg, kellu jassigura li kien hemm bizzejjed flus fil-kontijiet tal-bank sabiex jithallas eventwali funeral, izda dan ma sehhx.

Illi minn stqarrija tal-konvenuta stess hija qalet illi hija kienet il-werrieta ta' Carmelo Borg, izda ma` l-mewt id-dar sfat mibjugha lill-Joseph Cutajar u l-kontijiet tal-bank kienu vojta. It-Tribunal jirrilleva illi xi flus fil-kontijiet tal-bank gew prelevati sa xahar wara li l-kjamat in kawza nghata l-prokura generali

u l-istess Joseph Cutajar naqas milli jaghti rendikont fattibbli ta’ fejn kienu spiccaw il-flus tal-kontijiet fil-bank kif ukoll d-Lm 9,000 tad-dar li kienet giet trasferita lil Joseph Cutajar.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi x-xhieda tal-konvenuta hija veritjera u jemminha meta tghid illi hija ma kienetx inkarigat lil Joseph Cutajar ghall-funeral izda li kien ha hsieb kollox il-kjamat in kawza Joseph Cutajar. It-Tribunal huwa konvint illi l-inizjattiva ghall-arrangament tal-funeral kienet kemm tal-attur kif ukoll tal-kjamat in kawza. It-Tribunal wasal ghal din il-konkluzzjoni peress illi jidher illi fejn kienu jidhlu affarijiet ta’ flus u decizjonijiet amministrattivi dan kien jiehu hsiebhom Joseph Cutajar u mhux Maria Speranza Buttigieg. Illi rrizulta lit-Tribunal tul il-kawza kif ukoll mid-deposizzjonijiet kif moghtija, illi Maria Speranza Buttigieg ma kienetx kapaci li tamministra l-beni ta’ Carmelo Borg ghalkemm hija kienet il-kumpann tieghu tul hajtu. Kien ghal din ir-raguni lli Carmelo Borg kien afda lil Joseph Cutajar minflok lill-konvenuta bi prokura generali sabiex jamministra l-beni tieghu. Ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal huwa konvint illi ghalkemm ma nghatatx ordni mill-ebda mill-konvenuti sabiex isiru l-arrangamenti funebri l-inizjattiva ghall-fuenral kien hada l-kjamat in kawza .

Illli t-Tribunal m’ghandux dubju illi l-verzjoni tal-konvenuta hija dik l-aktar kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi. Illi huwa minnu illi l-attur huwa kreditur ghall-ispejjez tal-funeral, izda l-bniedem li kkummissjona lill-attur sabiex jorganizza l-funeral, jirrizulta li kien il-kjamat in Joseph Cutajar li kien ilu jiehu hsieb jamministra l-beni tal-mejjet tul l-ahhar sena u li ghalhekk kien f’posizzjoni ahjar li jordna l-funeral u mhux il-konvenuta Maria Speranza Buttigieg li ma kienetx meqjusa kapaci sahansitra li tamministra l-beni tad-defunt Carmelo Borg ghalkemm hija kienet il-kumpann u l-

bniedma li hadet hsieb il-mejjet tul l-ahhar snin ta’hajtu.

Illi t-Tribunal huwa konvint illi peress illi l-attur kien habib intimu tal-mejjet Carmelo Borg meta mar ghandu Joseph Cutajar sabiex ihabbarlu l-mewt ta’ Carmelo Borg huwa kien jaf illi l-kjamat in kawza kien il-bniedem ta’ fiducja ta’ Carmelo Borg u t-Tribunal huwa tal-fehma illi flimkien mal-kjamat in kawza l-attur ha l-inizjattiva sabiex jorganizzaw l-funeral tal-mejjet, Carmelo Borg. Izda ordni minn ghand il-konvenuta Buttigieg ghal-fuenral qatt ma kien hemm.

It-Tribunal huwa konvint illi mix-xhieda moghtija mill-konvenuta, ma` l-mewt ta’ sehiebha Carmelo Borg, il-konvenuta ma kienetx tinsab fi stat emozzjonali tajjeb u li ghaldaqstant kien Cutajar li kien ha hsieb li jordna l-funeral. Cutajar wara kollox kien l-amministraur tal-beni tul hajjet il-mejjet.

Illi rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta` l-artiklu 2148 (f) u l-artiklu 2149 (a) tal-Kap. 12, it-Tribunal jirrilleva illi l-kjamat in kawza gie notifikat bl-atti fit-3 ta’ Marzu, 2008, ‘l fuq minn sentejn wara l-mewt ta’ Carmelo Borg li miet fis-17 ta’ Jannar, 2006**.** Ghaldaqstant, l-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni ta` l-azzjoni kontra l-konvenut kjamat in kawza ghandha tigi akkolta. Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut kjamat in kawza Joseph Cutajar it-Tribunal jirrespingiha. It-Tribunal ghal din it-tieni eccezzjoni huwa tal-fehma illi ngabu bizzejjed provi illi l-konvenut kjamat in kawza kien il-bniedem maghruf li kien jamministra l-beni tad-defunt tul l-ahhar sena ta’ hajtu u mhux il-konvenuta, li kjarament hija ma kienetx kapaci tamministra, ghalkemm kienet il-kumpann tad-defunt u kienet tiehu hsiebu tul iz-zmien li Borg kien marid. Illi l-funeral kien effettivament ordnah il-kjamat in kawza.

In konkluzjoni, t-Tribunal huwa moralment konvint illi l-konvenuta ma kienetx il-persuna li kkummissjonat il-funeral, u kif qal sewwa l-kreditur, il-mejjet kien habib sewwa ta' l-attur**,** illi l-ewwel persuna li kienet qaltlu bil-mewt ta' Carmelo Borg kien il-kjamat in kawza Joseph Cutajar u t-Tribunal huwa konvint illi l-probabilita' kienet illi bhala habib sewwa tal-mejjet, l-attur Paul Tonna kien ha l-inizjattiva li jorganizza l-funeral tal-mejjet Carmelo Borg wara li kien gie infurmat bil-mewt ta' Carmelo Borg mill-kjamat in kawza u li fil-fatt ha l-inizjattiva ghall-arrangamenti funebri u halla lill-attur jaghmel l-arrangamenti necessarji ghall-funeral u li flimkien marru d-dar ta' fejn kien jinsab il-mejjet sabiex jaghmlu l-preparamenti mehtiega.

Illi fic-cirkostanzi qieghed jigi ritenut mit-Tribunal illi l-konvenuta ma kienetx ordnat is-servizz funebri tal-mejjet Carmelo Borg u ghaldaqstant m'hijiex debitrici lejn l-attur. Illi l-persuna li ordnat l-arrangamenti sabiex isir il-fuenral kien fil-fatt il-kjamat in kawza Joseph Cutajar li kien il-bniedem li jamministra l-beni tal-mejjet Carmelo Borg. Illi Joseph Cutajar l-anqas ma ha hsieb illi jhalli xi flus fil-kontijiet bankarji tal-mejjet sabiex id-defunt ikun f'posizzjoni li jhallas ghal funeral tieghu stess. Izda rigward l-eccezzjoni li l-konvenuta m'hijiex l-legittimu kuntradittur it-Tribunal jidhirlu illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi dawn il-fatti '*per se'* ma jfissurx illi l-konvenuta giet citata bhala l-legittimu kuntradittur erronjament. Illi mill-provi gie stabbilit ness u l-konvenuta setghet titqies li kienet il-persuna idoneja. Ghalkemm f'dan il-kaz ma rrizultax fil-mertu ma kienetx ghal kollox estranja ghal kaz. .

Illi t-Tribunal isib illi l-azzjoni ta` l-attur fil-konfront tal-kjamat in kawza hija preskritta ai termini tal-Art 2148(f) u l-artiklu 2149(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda kienet tezisti relazzjoni guridika bejn l-

attur u l-konvenut kjamat in kawza peress illi rrizulta lit-Tribunal illi l-kjamat in kawza kien il-bniedem li flimkien mal-attur ghamlu l-arrangamenti sabiex isir il-funeral meta huwa mar ghand l-attur sabiex jinfurmah bil-mewt u saqu flimkien lejn id-dar fejn kien jinsab il-mejjet Carmelo Borg, liema dar kienet tappartjeni lill-kjamat in kawza, ghalkemm il-kjamat in kawza ma kienx jghix fiha.

Ghaldaqstant it-Tribunal fic-cirkostanzi jaqta' u jiddeciedi billi jirrespingi t-talba attrici.

Bl-ispejjez tal-kawza bejn il-partijiet kollha fi kwoti ndaqs."

Huma tnejn l-aggravji li l-attur jissolleva b'kontestazzjoni ta' din id-decizjoni, u cjoe li:-

(1) It-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti, senjatament fir-rigward ta' min hu l-eredi tal-mejjet Carmelo Borg u ta' min taha l-istruzzjonijiet ghall-arrangamenti funerarji tieghu;

(2) L-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjonijiet – Artikoli 2148 (f) u 2149 (a) – opposta mill-kjamat in kawza kienet decizjoni errata in kwantu dawn ix-xorta ta' preskrizzjonijiet ma kienux applikabbli *di fronte* ghall-azzjoni b'talba ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-funeral;

Fir-risposta ta' l-appell taghha l-konvenuta tissolleva l-punt illi, hlief ghall-kwestjoni tal-preskrizzjonijiet li, f'kull kaz, ma jikkoncernax lilha, l-aggravju l-iehor ma kienx ammissibbli skond l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380, trattasi wkoll ta' valur ta' talba inferjuri ghal €1164.69. L-istess konvenuta tissottometti illi, f'kull kaz ukoll, id-decizjoni tat-Tribunal hija bazata fuq l-ekwita tal-gudizzju fejn dan iddecieda, in bazi ghall-provi, illi l-versjoni taghha hi "l-aktar kredibbli u verosimili fic-cirkustanzi";

Apparti l-bosta ripetizzjonijiet kontenuti fiha u li ma kienu xejn necessarji, fil-konciz, is-sentenza appellata hi msejsa fuq l-argomenti segwenti:-

(i) “Il-konvenuta kienet l-allegata eredi universali tal-mejjet Carmelo Borg izda prova dokumentali dwar dan ma gietx esebita fl-atti”;

(ii) “It-Tribunal jirrileva li ghandu dubji serji dwar il-kredibilita` tal-kjamat in kawza kif ukoll il-versjoni ta’ l-attur” mentri “l-konvenuta xehdet il-fatti kif zvolgew quddiemha bil-mod limitat li bih hija kapaci tispjega ruhha liema xhieda hija l-aktar verosimili”;

(iii) “It-Tribunal huwa konvint illi l-attur, stante r-rapport ta’ hbiberija li kellu mad-defunt, ha l-inizzjattiva flimkien mal-kjamat in kawza sabiex jorganizzaw il-funeral”;

(iv) Il-kjamat in kawza kellu prokura generali minghand il-mejjet u in kwantu tali kien fid-dmir u obbligu li jaghti rendikont ta’ l-amministrazzjoni tal-beni. Ukoll, fil-veste ta’ amministratur l-imsejjah fil-kawza kellu jiehu hsieb li jkun hemm bizzejjed flus fil-bank ghall-eventwali hlas tal-funeral;

(v) In vista ta’ dan l-inizzjattiva ghal funeral hadha l-kjamat in kawza. Dan ghaliex, skond it-Tribunal, la dan kien ilu jiehu hsieb jamministra l-beni tal-mejjet hu kien f’posizzjoni ahjar li jordna l-funeral u mhux il-konvenuta li ma kienetx meqjusa kapaci sahansitra li tamministra l-beni tad-defunt. Mhux dan biss, ghaliex ukoll, dejjem skond it-Tribunal, il-konvenuta ma kienetx tinsab fi stat emozzjonali tajjeb;

(vi) Carmelo Borg miet fis-17 ta’ Jannar, 2006 mentri l-kjamat in kawza gie notifikat bl-atti fit-3 ta’ Mejju, 2008. *Ergo*, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta’ l-Artikoli 2148 (f) u 2149 (a) tal-Kapitolu 12 (*recte* Kapitolu 16) ghandha tregi;

Maghmula din l-esposizzjoni ta' l-argomenti tat-Tribunal, ghandu jinghad qabel xejn illi f'gudizzju ghal liema l-ligi nnifisha taskriva l-istrument ta' l-ekwita`, ir-regola decizorja timponi fuq it-Tribunal id-dmir li, b'mod komprensibbli, jaghti hjiel tal-procediment logiku u intwittiv minnu segwit ghad-determinazzjoni tal-kontroversja. Id-deliberazzjoni tieghu ghandha allura tkun sorretta minn perkors argomentattiv li, oltre dak li appena nghad, jikkonsenti li tkun maghrufa s-soluzzjoni minnu adottata ghall-fattispeci konkreti. L-istess regola ta' gudizzju bazata fuq l-ekwita ghandha b'necessita, sew guridika, sew logika, tkun bazata fuq valutazzjoni oggettiva tal-provi u, fuq kollox, fir-rispett tal-principji tad-dritt applikabbli;

Dan premess, fil-fehma tal-Qorti u bir-rispett kollu dovut, it-Tribunal, f'dan il-kaz, aktar milli bbaza ruhu fuq il-principju ta' l-ekwita`, skonfina ruhu fl-arbitriju b'mod li ma baqax fil-parametri obbjettivi tal-materja li kellu quddiemu. L-elementi principali u informaturi tal-kwestjoni kellhom ikunu kkoncentrati fuq jekk l-attur, *qua* kommissjonant tal-funerali, kienx intitolat ghall-hlas ta' l-ispejjez funerarji li saru ghad-defunt Carmelo Borg;

Ibda biex it-Tribunal ma kellu jkollu ebda ezitazzjoni dwar jekk il-konvenuta kienetx eredi tal-mejjet. Mhux biss dan tistqarru l-istess konvenuta (ara xhieda taghha a fol. 28) izda jinsab sostenut ukoll mill-verbal kongunt tad-difensuri tal-partijiet illi l-konvenuta hija l-eredi universali (ara traskrizzjoni tieghu fl-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2007 a fol. 10). In linea tal-principju generali tad-dritt la hi kienet il-werrieta, l-ispiza funerarja kellha tigi assorbita minnha, una volta ma giex stabbilit minn xi prova illi hi rrinunzjat ghall-eredita jew, altrimenti, xi hadd terz assuma, bi spirtu ta' liberalita`, li jaghmel tajjeb ghal pagament relattiv;

It-Tribunal ma kellux jinfatam minn ebda kwestjoni aljena ghal kaz, bhal nuqqas ta' rendiment ta' l-operazzjonijiet

amministrattivi da parti ta' l-imsejjah fil-kawza, jew ta' "rendikont fattibbli" mill-prokuratur fejn kienu spiccaw il-flus tal-bank, jew jekk kienx jezisti patrimonju ereditarju. Ghal punt fokali tal-vertenza dawn, fil-hsieb tal-Qorti, kienu *res inter alios acta* li, se mai, jinteressaw biss u b'mod esklussiv lir-rapport intern ta' bejn il-konvenuta u l-kjamat in kawza. Il-qofol tal-kwestjoni *vis-à-vis* l-attur kien sempliciment marbut mal-konsiderazzjoni jekk il-konvenuta, *qua* eredi, kienetx espressament istruwiet lill-attur ghall-funeral tal-mejjet, jew almenu tacitament akkonsentiet ghalih;

Issa meta wiehed jevalwa x-xhieda ta' l-istess konvenuta, in partikolari d-deposizzjoni taghha in kontroezami a fol. 50 tal-process, isib illi l-istqarrija taghha a fol. 28 li ma ghamletx ftehim dwar il-funeral hi spjegata mill-fatt illi dakinhar li l-attur flimkien mal-kjamat in kawza accedew ghandha ghall-arrangamenti tal-funerali "hi kien mohha fil-mejjet u ma tiftakarx x'kien qed ighid" u, ukoll, li "dak in-nhar hi kienet qed tibki biss". Meta, imbaghad, wiehed ikompli jiddistilla x-xhieda tal-konvenuta fiz-zewg okkazjonijiet li xehdet isib li r-rezistenza taghha ghall-hlas mhix daqstant ibbazata fuq l-allegazzjoni illi ma ordnatx il-funeral izda ghaliex id-defunt "ma kien halla xejn peress illi kien ha kollox Joe Cutajar tul hajtu" (seduta, 16 ta' Jannar, 2008) u ghaliex "hi tghid illi ma bassretx tali xoghol u gie kollox imbazwar" (seduta, 28 ta' Mejju, 2008);

Huwa intwittiv minn dan ghal din il-Qorti illi l-argomenti tat-Tribunal, u l-aktar dik tal-verosimiljanza tal-versjoni tal-konvenuta, mhux biss ma humiex perswasivi imma lanqas in armonija mal-kuncett ta' l-ekwita`. It-Tribunal donnu kien aktar fi hsiebu s-suspetti, il-kongetturi u l-ispekulazzjoni li hu deherlu li kellu jestraji minn certi elementi tal-provi fejn jidhol l-operat u l-kondotta ta' l-imsejjah fil-kawza milli jiffoka ruhu fuq il-punt centrali u obbjettiv illi l-attur ippresta s-servizzi tieghu u ta' dan kien jisthoqqlu li jigi mhallas. Anke jekk m'ghandiex ghalfejn tinoltra ruhha fuq it-tieni garvam, il-Qorti lanqas ma jista' jisfuggilha l-mod legger li bih it-Tribunal affronta l-

eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u li, del resto, ghax-xorta ta' azzjoni proposta, il-preskrizzjonijiet specifikati m'ghandhom ebda konnessjoni. Ukoll, id-decizjoni f'dan ir-rigward ma toffrix is-soluzzjoni legali adatta u jkollu jinghad illi, fil-kumpless, id-decizjoni gabet lill-appellanti dik l-inikwita` u l-pregudizzju ta' dak il-jedd tieghu ghal liema jirreferi s-subinciz (d) ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380;

Huwa l-kaz li din il-Qorti in bazi ghal konsiderazzjonijiet kollha maghmula tiddissenti mid-decizjoni tat-Tribunal u twarrabha bhala mhux konformi la ghall-ekwita` u lanqas ghal mertu sostanzjali u l-gustizzja tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta appellata thallas lill-attur appellanti s-somma minnu reklamata skond l-Avviz ghal spejjez funerarji. L-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew mill-konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------